



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

13044/23

CDR 139

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti proposti  
mir-Repubblika Taljana, tal-Kumitat tar-Regġuni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**li taħtar membru u membru supplenti,  
proposti mir-Repubblika Taljana,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157<sup>1</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għat-tmim tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Vincenzo BIANCO sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Antonio DECARO bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.
- (5) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Antonio DECARO, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Bari), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2024.
- (6) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Sandrino AQUILANI, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Vetralla* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Vetralla), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 237, 17.12.2019, p. 78).

## *Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) bħala membru:

- Is-Sur Antonio DECARO, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalit  ta' Bari), sal-31 ta' Mejju 2024,

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sur Sandrino AQUILANI, *Sindaco del Comune di Vetralla* (Sindku tal-Muniċipalit  ta' Vetralla), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---